

31978D0078

L 25/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.1.1978

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-23 ta' Diċembru 1977****dwar ċerti regoli dettaljati għad-Direttiva 64/432/KEE dwar il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer**

(78/78/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw in-negozju taċ-ċanga u l-majjal fil-Komunità<sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 77/98/KEE<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel u l-aħħar paragrafu ta' l-Artikolu 4b,

Filwaqt li l-Artikolu 4b, biex ma jkunx kompromess il-livell ta' saħħa diġà milħuq minn ċerti Stati Membri, jawtorizza lil daww fejn jeżistu ċerti kundizzjonijiet, u li, b'mod partikolari, ma jħallux annimali mlaqqma fit-territorju tagħhom, biex jimponu, għal perjodu li jiġi determinat bi proċedura tal-Kumitat tal-Veterinarji, kundizzjonijiet ta' saħħa partikolari fuq l-introduzzjoni ta' annimali fit-territorju tagħhom;

Filwaqt li annimali mwiela wara l-bidu ta' dan il-perjodu joffru, f'dak li jikkonċerna l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, il-garanziji massimi, partikolarment lill-iStati Membri li huma ħielsa minn din il-marda u li ma jippermettux tilqim fit-territorju tagħhom;

Filwaqt li l-perjodu diġà msemmi jrid jagħti garanziji ta' saħħa suffiċjenti; filwaqt li perjodu ta' sena jista' jkun ikkunsidrat bħala sodisfaċenti;

Filwaqt li l-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Veterinarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-perjodu msemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 4b tad-Direttiva 64/432/KEE li matulu l-iStati Membri uffiċċjalment m'għandhomx jippermettu li jsir aktar tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fit-territorju tagħhom irid ikun ta' sena.

*Artikolu 2*

Annimali li jkunu twieldu wara l-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu nnegozjati fil-Komunità suġġett għall-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 4b (A) (1) ta' l-imsemmija Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1977.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.

<sup>(2)</sup> ĠU L 26, 31.1.1977, p.81.